

Brussell, 22 ta' Settembru 2025  
(OR. en)

12909/25

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2013/0072 (COD)**

---

---

**CODEC 1276  
AVIATION 122  
CONSOM 178**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

---

Suġġett: Abbozz ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** li jemenda r-Regolament (KE) Nru 261/2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u r-Regolament (KE) Nru 2027/97 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi bl-ajru fir-rigward tat-trasport ta' passiġġieri u l-bagalji tagħhom bl-ajru **(I-ewwel qari)**  
- Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

---

1. Fit-13 ta' Marzu 2013, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta<sup>1</sup> tagħha, ibbażata fuq l-Artikolu 100(2) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-11 ta' Lulju 2013<sup>2</sup>.
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat u ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.
4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-5 ta' Frar 2014<sup>3</sup>.

---

<sup>1</sup> 7615/13 + ADD 1-2.

<sup>2</sup> ĠU C 327, 12.11.2013, p. 115.

<sup>3</sup> 5941/14.

5. Fil-5 ta' Ġunju 2025, il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari rigward ir-Regolament<sup>4</sup> imsemmi hawn fuq.
6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, kif tinsab fid-dokument 10015/25, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet, kif tinsab fid-dokument 10015/25 ADD 1, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bil-Ġermanja, Spanja, il-Portugall u s-Slovenja jivvotaw kontra, u l-Estonja u l-Awstrija jastjenu.
7. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum ta' din in-nota.

---

---

<sup>4</sup> 9430/25 + ADD 1-3.